BELT AKTAR SIGURA: IT-TEKNOLOĠIJA GĦAS-SERVIZZ TAL-KOMUNITÀ



OLAF MCKAY
Sindku tal-Belt Valletta
www.olafmckay.com

Il-Belt Valletta mhijiex biss il-kapitali ta' pajjiżna, belt ta' storja, kultura u patrimonju imprezzabbli. Għalija, fuq kollox, hija darna. Hija l-post fejn jgħixu l-familji tagħna, fejn trabbew ġenerazzjonijiet u fejn il-komunità għandha kull dritt tgħix f'ambjent nadif, sigur u rispettat.

Għalhekk, wieħed millimpenji ewlenin tiegħi bħala Sindku kien u jibqa' li nsaħħu s-sigurtà u l-infurzar fil-Belt Kapitali.

F'dawn l-aħħar jiem, bħala Kunsill Lokali, lestejna pass importanti ħafna f'din id-direzzjoni. Permezz ta' sistema teknoloġika avvanzata, għaqqadna l-kameras tas-sigurtà kollha f'network wieħed, b'aċċess dirett għall-awtoritajiet kompetenti u għall-Korp tal-Pulizija, lestejna kollox fil-Control Room ġewwa l-Kunsill Lokali biex inkunu aktar effettivi u aċċessibbli.

Dan ifisser li issa għandna sistema aktar koordinata u effettiva, li permezz tagħha l-awtoritajiet jistgħu jidentifikaw aktar malajr każijiet ta' abbuż u jieħdu l-azzjonijiet meħtieġa.



Ma waqafniex hemm. Installajna wkoll kameras ġodda f'żoni strateġiċi tal-Belt, u diġà qed naraw titjib.

Nemmen li f'belt kapitali moderna, l-infurzar ma jistax jibqa' jiddependi biss minn rapport li jasal wara li jkun seħħ l-abbuż. Irridu nkunu proattivi, aktar effiċjenti u kapaċi nintervjenu fil-pront.

Kemm-il darba rajna skart jintrema bl-addoċċ, skart illegali fit-toroq, atti ta' vandaliżmu u nuqqas ta' rispett. Kemm-il darba resident ikollu jbati l-konsegwenzi tal-irresponsabbiltà ta' ħaddieħor.

Din mhijiex kwistjoni ta' indafa biss. Hija kwistjoni ta' rispett, dinjità u kwalità tal-ħajja.

Irrid inkun ċar ma' dawk li jaħsbu li jistgħu jabbużaw mill-Belt Kapitali tagħna mingħajr konsegwenzi. Iżżmien fejn wieħed jagħmel li jrid u jaħseb li ma jiġri xejn irid jintemm. Se nkomplu ninsistu għal aktar infurzar, aktar sorveljanza u multi fejn ikun hemm ksur tal-liġi.

Fl-istess waqt, nemmen li l-edukazzjoni u d-djalogu għandhom jimxu id f'id malinfurzar. Hemm ħafna residenti u operaturi kummerċjali li ta' kuljum jagħtu sehemhom biex iżommu l-Belt nadifa u organizzata. Lil dawn irridu nirringrazzjawhom u nappoġġjawhom. Ma jkunx ġust li min jimxi sew ibati minħabba min jabbuża.

Is-sigurtà hi wkoll frott il-kollaborazzjoni. Bħala Kunsill qed naħdmu tajjeb immens mal-Korp tal-Pulizija u mal-awtoritajiet. Qed naraw ukoll rondi aktar frekwenti u intensivi, li flimkien mas-sistema l-ġdida tal-kameras qed isaħħu l-preżenza u l-kapaċità tal-infurzar fit-toroq tagħna.

Nirringrazzja lill-Pulizija għall-ħidma tagħhom u lill-Ministru Glen Bedingfield għall-appoġġ u l-kollaborazzjoni. Se jsibuna dejjem ta' spalla f'kull inizjattiva li twassal għal aktar sigurtà u rispett lejn il-komunità tagħna. Grazzi wkoll lil sħabi l-kunsilliera kollha u lill-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali. Dan huwa xogħol ta' tim, fejn flimkien qed inkomplu nibnu fuq il-pjan tagħna għal Belt aktar organizzata, nadifa u sigura.

Naturalment, l-użu tat-teknoloġija għandu dejjem isir b'responsabbiltà, b'rispett lejn il-privatezza u skont il-liġi. L-għan tagħna huwa li nipproteġu l-ispazji pubbliċi u lil dawk li jużawhom b'mod responsabbli.

Jien nemmen f'Belt Valletta vibranti, mimlija ħajja, attività u kultura. Iżda nemmen daqstant ieħor li dan kollu għandu jsir f'bilanċ malbżonnijiet tar-residenti. Il-progress ma jistax jitkejjel biss minn kemm nies iżuru l-kapitali, iżda wkoll minn kemm dawk li jgħixu fiha jħossuhom siguri, rispettati u kburin bil-belt tagħhom.

Din hija l-viżjoni tiegħi ta' Belt aktar sostennibli. Mhux biss teknoloġija, iżda teknoloġija li tagħmel differenza fil-ħajja ta' kuljum.

Għad fadal ħafna xi jsir, u ma nippretendix li b'sistema waħda se nsolvu kull problema. Iżda kull pass konkret li nieħdu huwa pass lejn il-Belt li nixtiequ lkoll.

Għalhekk se nibqgħu naħdmu, ninsistu u nwettqu. Għaliex ir-rispett lejn il-komunità mhuwiex għażla, iżda responsabbiltà.

Il-komunità l-ewwel, dejjem.



